



Brussell, 4 ta' Marzu 2026  
(OR. en)

7007/26  
ADD 1

DELECT 44  
PECHE 78

### NOTA TA' TRAŻMISSJONI

---

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	4 ta' Marzu 2026
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2026) 1313 annex
Suġġett:	ANNESS tar- Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../... li jemenda r-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-ġestjoni tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran

---

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2026) 1313 annex.

Mehmuż: C(2026) 1313 annex



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 4.3.2026  
C(2026) 1313 final

ANNEX

**ANNEX**

**tar-**

**Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) .../...**

**li jemenda r-Regolament (UE) 2023/2053 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-  
rigward tal-ġestjoni tat-tonn fil-Lvant tal-Atlantiku u fil-Mediterran**

## ANNEX

(1) Fl-Anness VIII, it-Taqsima I, il-paragrafu 4, il-punt (b), huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(b) jivverifika u, meta xieraq, jiffirma l-informazzjoni fid-dikjarazzjonijiet tal-ipproċessar u/jew tal-ħsad magħmula mill-kaptan tal-bastiment tal-ipproċessar, jew mir-rappreżentant tal-kaptan, jew mill-operatur tat-tunnara.”

(2) Fl-Anness VIII, it-Taqsima II, is-subtaqsima C, il-paragrafu (f), il-punt (iii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(iii) fiż-żewġ każijiet, jivverifika l-ordni ta' rilaxx maħruġ mill-awtorità kompetenti tal-Istat Membru jew mill-PKK ikkonċernati u, meta xieraq, jiffirma l-informazzjoni fid-dikjarazzjoni tar-rilaxx magħmula mid-donatur jew mill-operatur tal-farm tal-ħut;”

(3) Fl-Anness VIII, it-Taqsima II, is-subtaqsima C, il-paragrafu (g), il-punt (ii) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(ii) jivverifika u, meta xieraq, jiffirma l-informazzjoni fid-dikjarazzjonijiet tal-ipproċessar u tal-ħsad magħmula mill-kaptan tal-bastiment tal-ipproċessar, jew mir-rappreżentant tiegħu, jew mill-operatur tal-farm tal-ħut;”

(4) Fl-Anness IX, il-paragrafu li ġej jiżdied mal-punt 12:

“Malli jirċievi rapporti ta' spezzjoni li jindikaw ksur apparenti, is-Segretarjat tal-ICCAT għandu jqiegħed din l-informazzjoni fuq is-sit web tal-ICCAT b'mod sikur u b'aċċess ristrett. Kwalunkwe informazzjoni sussegwenti dwar l-azzjonijiet ta' segwitu meħuda mill-PKK tal-bandiera għandha tiġi ppubblikata wkoll malli tkun disponibbli għas-Segretarjat. L-informazzjoni għandha tiġi ppreżentata f'konformità mat-tabella mogħtija fl-Appendiċi ta' dan l-Anness.”

(5) Fl-Anness IX, jiżdied l-appendiċi li ġej:

**“L-informazzjoni li trid tiġi pprovduta dwar l-azzjonijiet meħuda b'reazzjoni għas-sejbiet tal-ispezzjonijiet imwettqa taħt l-Iskema ta' Spezzjoni Internazzjonali Konġunta**

<i>Numru tar-rapport dwar l-</i>	<i>Il-PKK li wettqe l-</i>	<i>Bastiment tas-sajd PKK</i>	<i>Data tal-ispezzjoni</i>	<i>Bastiment /Tip tal-irkaptu tas-sajd</i>	<i>Riżultati tal-ispezzjonijiet<sup>1</sup></i>	<i>Ksur ikkonfermat mill-PKK tal-</i>	<i>Sitwazzjoni attwali<sup>2</sup></i>	<i>Miżuri meħuda<sup>3</sup></i>	<i>Rimar ki<sup>4</sup></i>
----------------------------------	----------------------------	-------------------------------	----------------------------	--	---	---------------------------------------	--	----------------------------------	-----------------------------

<sup>1</sup> Deskrizzjoni tas-sejbiet b'indikazzjoni tad-dispożizzjoni(jiet) legali kkonċernata/i.

<sup>2</sup> Taħt investigazzjoni, appell, magħluq, eċċ.

<sup>3</sup> Miżuri ġudizzjarji jew amministrattivi meħuda, pereżempju t-tibdil fir-rota tal-bastiment, is-sekwestru tal-qabdiet jew tal-irkaptu tas-sajd, is-sospensjoni jew l-irtirar tal-awtorizzazzjoni, multi, eċċ.

<i>ispezzjoni jiet</i>	<i>ispezzjoni</i>					<i>bandiera : Iva/Le</i>			

(6) L-Anness X huwa sostitwit b'dan li ġej:

“ANNEX X

STANDARDS MINIMI GĦALL-PROĊEDURI TA' REĠISTRAZZJONI BIL-VIDJOKAMERA APPLIKABBLI GĦALL-OPERAZZJONIJIET TA' TRASFERIMENT, TQEGĦID FIL-GAĠEĠ U RILAXX

1. Il-proċeduri li ġejjin għandhom japplikaw għar-reġistrazzjonijiet kollha bil-vidjokamera tal-operazzjonijiet ta' trasferiment, tqegħid fil-gaġeġ u rilaxx imsemmija f'dan ir-Regolament:

(a) Fil-bidu jew fit-tmiem ta' kull vidjo, għandhom jintwerew in-numru ICCAT tal-awtorizzazzjoni tat-trasferiment jew tat-tqegħid fil-gaġeġ jew l-ordni tar-rilaxx u n-numru li jinsab fuq il-gaġġa/gaġeġ (kif indikat fid-dikjarazzjoni tat-trasferiment).

(b) Il-ħin u d-data tal-vidjo għandhom jidhru b'mod kontinwu matul kull reġistrazzjoni bil-vidjokamera.

(c) Ir-reġistrazzjoni bil-vidjokamera għandha tkun kontinwa, mingħajr interruzzjonijiet jew qtuġħ, u għandha tkopri l-operazzjoni kollha ta' trasferiment, tqegħid fil-gaġeġ jew rilaxx.

(d) Qabel ma jibda t-trasferiment, it-tqegħid fil-gaġeġ jew ir-rilaxx, ir-reġistrazzjoni bil-vidjokamera għandha tinkludi l-ftuħ u l-għeluq tax-xibka jew tal-bieb u, għall-attivitajiet ta' trasferiment u ta' tqegħid fil-gaġeġ, għandha turi jekk il-gaġeġ li fihom ikun se jiddaħħal it-tonn u li minnhom ikun se jinħareġ it-tonn ikunx diġà fihom it-tonn jew le.

(e) Ir-reġistrazzjoni bil-vidjokamera għandha tkun ta' kwalità tajba biżżejjed biex jiġi ddeterminat l-għadd u, meta xieraq, il-piż tat-tonn li jkun qed jiġi ttrasferit, imqiegħed fil-gaġeġ jew rilaxxat.

(f) Kopja tar-reġistrazzjoni bil-vidjokamera għandha tinżamm abbord il-bastiment donatur jew mill-operatur tal-farm tal-ħut jew tat-tunnara, meta xieraq, għall-perjodu kollu li huma awtorizzati li joperaw.

(g) L-apparat elettroniku għall-ħżin li jkun fih ir-reġistrazzjoni oriġinali bil-vidjokamera għandu jingħata minnufih lill-osservatur reġjonali tal-ICCAT u/jew lill-osservatur nazzjonali wara li tintemm l-attività ta' trasferiment, tqegħid fil-gaġeġ u/jew rilaxx. L-osservatur

<sup>4</sup> Test liberu bi kwalunkwe dettall li l-PPK tal-bandiera tixtieq tipprovdi. Meta ma ttieħdet l-ebda azzjoni, trid tingħata spjegazzjoni dettaljata tar-raġunijiet għaliex.

reġjonali u/jew nazzjonali tal-ICCAT għandu jinizjalizzah minnufih biex tiġi evitata kwalunkwe manipulazzjoni ulterjuri.

2. Kull Stat Membru tal-bandiera, tat-tunnara u tal-farm tal-ħut għandu jistabbilixxi l-miżuri meħtieġa biex jevita kwalunkwe tibdil, editjar jew manipulazzjoni tar-reġistrazzjonijiet oriġinali bil-vidjokamera.

### **Kwalità insuffiċjenti tar-reġistrazzjoni bil-vidjokamera**

3. Jekk ir-reġistrazzjoni bil-vidjokamera ma tkunx ta' kwalità tajba biżżejjed biex jiġi ddeterminat l-għadd u, meta xieraq, il-piż tat-tonn li jkun qed jiġi trasferit, imqiegħed fil-gaġeġ jew rilaxxat, l-operazzjoni għandha tiġi ripetuta sakemm il-kwalità tal-vidjo tkun adegwata, skont il-proċeduri ta' hawn taħt:

(a) għat-trasferiment, l-operazzjoni ta' trasferiment ikkonċernata għandha tiġi ripetuta f'konformità mal-Artikolu 43a (Trasferimenti volontarji u ta' kontroll).

Għal dawk it-trasferimenti fejn l-oriġini tal-ħut tkun tunnara, it-tonn li jkun diġà ġie trasferit mit-tunnara għall-gaġeġ li jiddaħħal fiha jista' jintbagħat lura fit-tunnara u t-trasferiment volontarju jiġi kkanċellat taħt is-superviżjoni tal-osservatur reġjonali tal-ICCAT.

(b) għall-operazzjoni ta' tqegħid fil-gaġeġ, l-operazzjoni ta' tqegħid fil-gaġeġ ikkonċernata għandha tiġi ripetuta f'konformità mal-punti 2 u 3 tal-Artikolu 49.

L-attività l-ġdida ta' tqegħid fil-gaġeġ trid tinkludi ċ-ċaqliq tat-tonn kollu minn ġol-gaġeġ tal-farm tal-ħut riċevitur għal ġo gaġeġ oħra tal-farm tal-ħut, li trid tkun vojta.

(c) għar-rilaxxi, is-segregazzjoni tal-ħut li jrid jiġi rilaxxat għandha tiġi ripetuta f'konformità mal-Protokoll dwar ir-rilaxx stabbilit fl-Anness XII.”

(7) Fl-Anness XII, il-paragrafu 7 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“7. L-osservatur reġjonali tal-ICCAT għandu jivverifika u, meta xieraq, jiffirma l-informazzjoni fid-dikjarazzjoni tar-rilaxx. L-operatur donatur jew l-operatur tal-farm tal-ħut għandu jibgħat id-dikjarazzjoni tar-rilaxx lill-awtoritajiet tiegħu fi żmien 48 siegħa minn meta ssir l-operazzjoni tar-rilaxx biex din tintbagħat lis-Segretarjat tal-ICCAT.”

(8) Fl-Anness XVb, it-tabella hija sostitwita b'din li ġejja:

#### **“Mudell għad-dikjarazzjoni tal-ipproċessar u d-dikjarazzjoni tal-ħsad**

Ipproċessar / Ĥsad (immarka b'ċirku wieħed jew l-ieħor)
Data tal-ħsad (j/x/s): / /
Farm tal-ħut / Tunnara (immarka b'ċirku wieħed jew l-ieħor)

Numru/i tal-gaġġa/gaġeġ:
Għadd ta' individwi maħsuda:
Piż ħaj f'kg tat-tonn maħsud:
Piż ipproċessat f'kg tat-tonn maħsud:
Numru/i tal-eBCD assoċjat(i) mat-tonn maħsud:
Dettalji tal-bastimenti awżiljarji involuti fl-operazzjoni: Isem: Bandiera: Nru ta' reġistrazzjoni tal-ICCAT:
Destinazzjoni tat-tonn maħsud (esportazzjoni, suq lokali jew oħrajn) (immarka b'ċirku) Fil-każ ta' oħrajn, speċifika:
Il-verifika u, meta xieraq, il-firma mill-osservatur reġjonali tal-ICCAT jew mill-osservatur tal-PKK, kif xieraq: Isem l-osservatur: Nru ICCAT: Firma:

”